**Stqarrija Ministerjali magħmula mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne dwar il-mewt ta' żagħżugħ ġewwa Paceville**

F'isem il-Gvern, wara diskussjoni mal-Prim Ministru li jinsab imsiefer għall-Commonwealth Day fejn Malta għadha *Chair in Office*, xtaqna li naġġornaw lil din il-Kamra dwar il-mewt taż-żagħżugħ Zack Meli ta' 24 sena f'Paceville, ilbieraħ il-Ħadd, 11 ta' Marzu.

L-ewwel nett nixtieq inwassal il-kondoljanzi sinċieri lill-familja ta' Zack Meli f'dan il-mument. L-ebda kelma mhi se tkun ta' konsolazzjoni.

Nixtieq nitlob lil din il-Kamra għall-prudenza f'dan il-mument anke minħabba li l-istorja kif żviluppat tħalli diversi mistoqsijiet li huma soġġetti għall-inkjesta maġisterjali. F'dan il-mument, l-agħar ħaġa li nistgħu nagħmlu huwa li ngħaġġlu jew li nimxu fuq ix-xnigħat u ma nistennewx il-fatti kollha. Nappella wkoll lill-*media* biex jittrattaw il-każ b'kawtela sa ma ssir l-investigazzjoni u jitlestew it-testijiet kollha relatati ma' dan il-każ.

Fattwalment. F'inqas minn 24 siegħa l-Pulizija mhux biss għamlet l-investigazzjonijiet tagħha, iżda ġabret evidenza u mxiet pass pass ma' x'ġara matul dak il-lejl. Huwa b'hekk li wara li ġabret persuna ta' nazzjonalità Bulgara, kompliet bil-istħarriġ tagħha. Anke kif jidher mill-istqarrija li ħarġet il-Pulizija wara nofsinhar, sa issa l-awtopsja għadha mhux qed tistabbilixxi l-kawża tal-mewt. It-testijiet, l-investigazzjonijiet u l-inkjesta maġisterjali fil-fatt għadhom għaddejjin. Ikun għaqli allura li nistennew ir-rapport formali aħħari tal-inkjesta.

Nixtieq nagħti ġieh lill-Pulizija li qed taħdem bi prudenza u serjetà. Nagħmilha ċar li f'każ bħal dan, żball favur jew kontra xi ħadd jista' jwassal għal riperkussjonijiet serji.

Irrid b'hekk nappella għal responsabbiltà ta' din il-Kamra. Il-kritika politika ma ddejjaqna xejn. Qed inkunu kontabbli lejn din il-Kamra permezz tal-istqarrija ministerjali tal-lejla. Madankollu mhuwiex ħin li nispekulaw. Hemm ħin għall-politika u hemm ħin għar-responsabbiltà. Dan huwa ħin ta' responsabbiltà minn kulħadd.

Grazzi.